MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 268/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Etienne Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Etienne Mizzi
talli f'Hal-Qormi fl-24 ta' Settembru, 2002, ghall-habta tas-siegha w nofs ta' wara nofs in-nhar:

(1) meta hekk ordnat mill-Qorti biex jaghti access lil wild taht il-kustodja tieghu, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xieraq bi ksur tal-Art. 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u aktar
(2) talli hu recidiv ghall-finijiet tal-Art. 49, 50 u 53 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta’ Ottubru, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Ettienne Mizzi hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Ettienne Mizzi, minnu ppresentat fit-8 ta’ Novembru, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. L-aggravju ta’ l-appellant hu, bazikament, li l-fatti li rrizultaw mill-provi ma kienux jammontaw ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, cioe` r-reat kontravvenzjonali kontemplat fil-paragrafu (ll) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali.

2. Mill-provi jirrizulta li l-appellant u certa Fiona Borg – li ma humiex mizzewgin – ghandhom tifla, SB, li llum ghandha erba’ snin. Ghalkemm il-kura u l-kustodja tat-tifla tinsab f’idejn Fiona Borg, is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, b’digriet li jgib id-data tal-15 ta’ Lulju, 2002 ipprovdiet ghall-access ta’ Etienne Mizzi. Dana d-digriet jghid testwalment hekk:

**Tipprovdi fuq it-talba [ta’ Fiona Borg] billi takkorda lill-intimat [Etienne Mizzi] access ta’ darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba, b’dan li l-access ghandu jkun taht supervizjoni ta’ *social worker* mill-agenzija Appogg li ghandha tiffissa hi l-granet u l-hin tal-access. Konsiderando li l-intimat qieghed bhalissa fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, l-access ghandu jigi rrangat mad-Direttur tal-Facilita` mehud in konsiderazzjoni r-regolamenti tal-istess Facilita`, b’dan li s-*social worker* assenjat ghall-kaz ghandu/ha jithalla jkun presenti waqt il-hin kollu tal-access.**

Il-granet ta’ l-access li kienu gew iffissati mill-agenzija Appogg kienu l-gurnata tas-Sibt u l-gurnata tal-Hadd. Nhar l-24 ta’ Settembru tas-sena l-ohra (2002), li bhala jum tal-gimgha kien it-Tlieta, waqt li Fiona Borg, ohtha,

ommha u l-minuri SB kienu ghadhom kif hargu minghand iz-zija ta’ Fiona Borg, marret fuqhom omm l-imputat li talbet lill-Fiona sabiex iccempel lill-imputat fuq il-*mobile* biex tghidlu illi hija (Fiona Borg) ma riditx taf bih aktar. Fiona Borg hekk ghamlet. L-imputat, permezz tat-telefon, qalilha li ried jara lit-tifla. Borg irrispondietu li t-tifla kellu jaraha skond id-digriet tal-Qorti. Immedjatament gie fuq il-post b’karozza l-imputat. Borg halliet lit-tifla tkellem ftit lil missierha, izda kif qaltilha biex tbusu halli jitilqu u jkomplu fi triqthom, l-imputat hataf lil SB u ghalhemm Fiona Borg, ommha u ohtha ppruvaw izommu lill-imputat milli jehodha, meta raw li t-tifla setghet twegga’ kellhom jitilquha, u l-imputat baqa’ sejjer bit-tifla. Huwa ma rritornax lit-tifla lil ommha Fiona Borg hlief erbghat ijiem wara, u dana wara li kellu jintervjeni Marixxall tal-Qorti.

3. L-ewwel qorti sabet lil Etienne Mizzi hati skond il-paragrafu (ll) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, u, per konsegwenza hati wkoll li huwa recidiv. L-Artikolu 338(ll) jipprovdi li jkun hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min

***…meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild taht il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa.***

L-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, irriteniet li l-kuncett ta’ “kura u kustodja tal-minuri” huwa kuncett wiesgha fil-kamp civili, u li meta persuna jkollha l-kustodja imqar *de facto* u temporanja ta’ minuri fil-hin ta’ l-access hija tkun obbligata li tosserva l-ordnijiet tal-qorti kompetenti ghal dak li huwa r-ritorn tal-minuri, bhalma hi obbligata li tosserva il-modalitajiet kollha ta’ l-access li jkun inghata lilha. Dan huwa kollu minnu. Pero` dan <u>ma jfissirx</u> li kull nuqqas ta’ osservanza ta’ xi parti minn digriet ta’ qorti kompetenti li jkun akkorda l-access <u>jammonta neccessarjament</u> ghal reat. Il-paragrafu (ll) in dizamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta’ osservanza ta’ xi kundizzjoni f’digriet ta’ access; dak li hu penalizzat b’din id-disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, minghajr raguni xierqa,

li wiehed jaghti access meta, fost sitwazzjonijiet ohra, jkun gie ordnat li jaghti dak l-access. Il-Qorti ma teskludix il-possibilita` li digriet ta' access ikun redatt f'termini li jkun jordna liz-zewg genituri li jaghtu reciprokament lil xulxin access (bhal, per ezempju, jekk ikun hemm *"joint custody"* tal-minuri); izda fil-kaz *de quo* id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Lulju, 2002 (fol. 30) ma jistax hlief jigi interpretat li kienet Borg (li kellha l-kustodja) li kienet qed tigi ordnata li taghti access lil Etienne Mizzi. Ghalhekk ma jistax jinghad li b'dak li ghamel l-appellant, hazin kemm huwa hazin minn diversi aspetti inkluz mill-aspett civili, huwa kiser id-disposizzjoni tal-Artikolu 338(ll) tal-Kodici Kriminali.

4. Frankament din il-Qorti hija ferm preokkupata b'zewg aspetti ta' dan il-kaz. L-ewwel nett jidher li l-appellant qed igib ruhhu b'mod ferm arroganti u vjolenti ma' omm il-minuri u f'certu sens anke ma' l-istess minuri (xhud minnhom tghid li meta huwa hataf lit-tifla SB fl-okkazjoni tal-incident meritu ta' din il-kawza huwa tefaghha fil-karozza tieghu bhal xkora (ara fol. 32)). Mill-process stess jirrizulta li kien hemm diversi okkazjonijiet fejn huwa instab hati minhabba l-imgieba tieghu versu Fiona Borg. Dan il-punt ghandu jigi indirizzat sew, malajr u minghjr mezzi termini (u jekk hemm bzonn bil-ghajnuna tal-Pulizija) mis-*social workers* li qed jahdmu ma' Fiona Borg u mal-minuri SB, u dan anke biex jigu evitati incidenti aktar serji u gravi minn dawk li diga sehhew. It-tieni aspett preokkupanti huwa dak tan-nuqqas tal-ligi penali taghna li tindirizza adegwatament il-htif ta' tfal minn genitur minghand genitur iehor meta jkun hemm ordni ta' kustodja tal-qorti. Dak li ghamel l-appellant f'dan il-kaz ma hu xejn hlief forma ta' *"kidnapping"* (ossia serq tal-persuna) tat-tifla tieghu meta din suppost kienet fil-kustodja ta' ommha. Taht certi cirkostanzi f'kazijiet simili wiehed forsi jista` jirravviza r-reat kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, jew anke dak (kontravvenzjonali) fl-Artikolu 338(dd). Dak li hu zgur hu li l-paragrafu (ll) tal-Artikolu 338 hu limitat hafna fil-portata tieghu, u li fil-kaz *de quo* ma jistax jinghad li l-appellant ghamel xi haga li tikser din id-disposizzjoni.

5. Ghall-motivi premessi tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata minnufih mir-Registratur lid-Direttur Ezekuttiv ta’ l-Agenzija Appogg, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali u dan in vista ta’ dak li jinghad fil-paragrafu numru 4.

--------------------------------TMIEM--------------------------------